# IL-PULIZIJA



VOL. 3
SETTEMBRU '79
Nru. 5



A Cheque Book
makes it so much
easier.
Bank of Valletta
Limited, Malta
Branches throughout Malta and Gozo
The Bank next door.

Organu tal-'Malta Police Association'
Ippubblikat minn
Associated News (M) Ltd.
Stampat mill-Penprint Ltd.
Editur — Michael Marshall

IL-PULIZIJA

# IS-SUMMER CAMP TAT-TFAL

KIF KIEN gie mhabbar lill-membri tal-Korp, permezz ta' Cirkulari, l-Assocjazzjoni tal-Pulizija organizzat, ghall-ewwel darba Kamp tas-Sajf ghat-tfal tal-membri tal-Korp. Dan il-Kamp sar fl-iskola ta' Marsascala bejn it-Tnejn 13 u l-Gimgha 17 ta' Awissu 1979. Dan kien taht it-tmexxija tas-Surgent Marshall u l-Kuntistabbli Eddie Attard, Chairman u Segretarju tal-Association, tal-Ispettur Debattista, is-Surgent Barberi u l-Kuntistabbli Dominic Cassar. Ma dawn kien hemm ukoll in-nisa ta' dawn fuq imsemmija li hadu hsieb il-bniet. Id-dettalji dwar kif tmexxa l-kamp u l-attivitajiet li saru, issibuhom fil-pagni li gejjin. Il-hsieb ta' din l-introduzzjoni huwa li nsemmu xi punti li huma mportanti li ma nhalluwhomx jghaddu.

L-ewwel punt huwa l-fatt li kien hemm xi membri li gergru li ma kienux jafu b'dan il-Kamp. Dan lilna jiskantana meta niftakru li minbarra c-Cirkulari li harget zmien ilhu, kienet harget ukoll 'Reminder' ghall-attenzjoni tal-membri u niskantaw kif ikun hemm min jghid li ma kienx jaf bil-Kamp. Dan jista jfisser li jew mhux veru li kellna min ma kienx jaf, izda peress li din kienet attivita gdida kien hemm min kien bierghed biex jikkonkorri, jew inkella ta' min jistaqsi x'jigri mix-Cirkularijiet li nohorgu.

Ta' min hawn jghid li meta konna wasalna biex niffinalizzaw l-arrangamenti, konna ghadna ma lhaqniex in-numru minimu ta' 50 u l-membri fuq imsemmija kellhom kwazi jitkarrbu biex nghaqqdu n-numru mehtieg.

Minhabba f'hekk, fl-iskola, maghna kellna wkoll 12 il-tifel mill-iskola ta' Hal Kirkop, u dan ghax ma tellajniex in-numru ta' kemm tesgha l-iskola.

Punt iehor kien il-fatt li xi membri, li kellhom tfal ma jafux jghumu, mhux biss lanqas infurmawna, izda lanqas taw lit-tfal taghhom 'trainers' jew mezzi ohra ta' ghajnuna u b'hekk tefghu responsabilita zejda fuq l-organizzaturi. Ma dan jistgha jinghad li kien hemm min ukoll gab tfal ta' hames snin li qalulna li kellhom seba'. Mhux dejjem tinduna bl-etá vera tat-tfal, u meta jkollok tfal digà mhallta ma shabhom, mhux facli li tibghathom lura.

Dan qed nghiduh, ghaliex li jkollok fuq il-hamsin tifel u tifla biex tiehu hsiebhom gimgha shiha digà huwa responsabilita kbira. Li ssib id-difikultajiet mahluqa bla bzonn ikabbar ix-xoghol ta' min jiehu hsieb.

Dan il-Kamp tana esperjenzi godda. Ta' kuljum ikollok tfal 'homesick' specjalment fl-ewwel granet, tfal b'rashom jew zaqqhom jugawhom, tfal bziezaq li trid tindukrhom aktar, u affarijiet ohra.

Fil-Kamp kellna s-servizz ta' nurse u zewg tobba (fosthom it-tabib Cassar Delia, tal-Korp) li hadulna hsieb dawn l-ilmenti. Fil-Kamp kellna tfal ta' etajiet bejn sitta u hmistax il-sena u naturalment ikollok diffikultajiet differenti. Iz zghar ghandhom problemi mod, il-kbar mod iehor.

Pèro, dan il-kamp tana wkoll sodisfazzjon. Barra li kien ta' sodisfazzjon li tara l-isforzi ta' min hadem, jirnexxu, tghallimna wkoll mill istess tfal. Tara tfal relattivament zghar fl-eta, igibu ruhhom qieshom kbar. Tidhaq ukoll bil-hmerijiet spontanji ta' xi whud. Kellna wkoll kazi ta' tfal li jidher fihom in-nuqqas ta' kuntatt ma tfal ohra, jigu mghejuna jithalltu ma tfal ohra u dan il-kamp zgur li jhalli l-frott.

Kellna d-dahqa ta' tifel, (mhux minn taghna) li kien maghna fil-Barbecue, li meta t-tfal jpoggew fuq ic-cint ta' hdejn l-Ghassa, dan raqad u baqà rieqed waqt l-ikel u z-zfin. Qam biss meta gejna biex immorru lura. Tidhaq hux, kif jista' tifel jorqod waqt daqshekk storbju. Inhallikhom tahsbu x'ghamlu bih it-tfal l-ohra

Tkompli P 13

## EDITORJAL

### MAWRA GHAT TFAL F'TUNEZ

WARA s-success li nkiseb fl-ewwel Kamp Ghas-Sajf ghat-tfal tal-membri tal-Korp hemm il-hsieb li s-sena d-diehla grupp ta' tfal tal-pulizija jittiehdu ghal btala f'Tunez. Dan sar maghruf waqt iz-zjara tal-Ministru tal-Edukazzjoni fil-kamp fl-14 ta' Awissu li ghadda.

Attivita ta' din ix-xorta tinhtieg preparamenti kbar u l-kumitat li bi hsiebu jintriga ghal din il-bicca xoghol jinhtieg jibda x-xoghol min kmieni s-sena d-diehla jew kif ikollu d-dettalji tal-mawra f'idejh.

L-iskop ta' dan l-editorjal fuq dan is-suggett hekk kmieni huwa biex ma jergax jigri dak li gara fl-kaz tas-'Summer Camp' u nisimghu dgergir li kien hemm xi membri tal-Korp li saru jafu b'dan il-kamp wara li beda. Mhux se noqghodu nikkumentaw dwar dan ghaliex diga' kellna okkazjoni nghidu li dak li gara zgur li ma kienx tort taghna.

Naturalment kmieni s-sena d-diehla mistennija tohrog cirkulari mid-dipertiment b'dettalji dwar din il-mawra kif ukoll b'sejha ghat-tfal. Irridu nfakkru li sena ilu wkoll kien hemm il-hsieb ta' mawra ghat-tfal fl-Italja u ma rnexxietx ghaliex ftit kienu dawk li wiegbu ghal din is-sejha. Dan ma nixtiequx li jigri ghas-sena d-diehla u nheggu lil dawk li ghandhom it-tfal ta' etajiet kif se jigu mitluba biex iwiegbu ghas-sejha li sejra ssir. Minn naha l-ohra, nappellaw lil dawk il-genituri biex ma jitfghux responsabbilta zejda fuq l-organizzaturi billi jibghatu tfal li, fil-fehma tal-genituri, jistghu jiddejqu u jew ikunu ta' xkiel ghall-organizzaturi.

Nixtiequ nfakkru li din il-mawra se ssir bil-ghajnuna tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u nittamaw li nsibu l-istess ghajnuna li gejna moghtija matul is-Summer Camp u niehdu wkoll l-okkazjoni biex nirringrazzjawhom ta' dak li ghamlu u bi hsiebhom ikomplu jaghmlu maghna.

Kopertina:
Charmaine Micallef taghmel l-indirizz waqt iz-zjara tal-President tar-Repubblika fis-Summer Camp.

# TIP TOP

**FGURA, VALLETTA, RABAT, MOSTA**

- PORTABLE TV'S
- RADIOGRAMMES
- CALCULATORS
- RADIOS
- RADIO CASSETTES
- TAPE RECORDERS
- FANS
- AND LOTS MORE

# TIP TOP

*your first and last choice*

# Mill-Association

*Laqghat bejn fizzjali u rapprezentanti tal-Assocjazzjoni*

Bi pjacir inhabbru li l-Kummissarju tal-Pulizija laqgha t-talba tal-Assocjazzjoni biex rapprezentanti tal-Assocjazzjoni jiehdu sehem fil-konferenzi li qed jinzammu fid-diversi distretti tal-Pulizija.

Huwa ghaldqastant necessarju li r-rapprezentanti tal-Assocjazzjoni jattendu ghal dawn il-laqghat u fejn sfortunatament ma ghandiex rapprezentant bi hsiebna nattendu ahna (c-Chaiman u s-Segretarju) izda huwa mehtieg li jaslulna l-ilmenti kif ukoll is-suggerimenti ta' dawk il-postijiet fejn kif ghidna ma ghandniex rapprezentant.

*Kotba mill-British Council*

Bl-inizjattiva tal-Ispettur Anzjan J.M. Attard, l-Assocjazzjoni tal-Pulizija akwistat hmistax il ktieb b'suggetti ta'interess ghall-membri tal-Korp. Dawn il-kotba jinsabu fil-librerija taghna li bil-mod qeghda dejjem tikber. Barra mill-kotba li qed jinxtraw ghal din il-librerija ghandna l-pjacir nghidu li kien hemm ukoll xi whud li tawna magazines tal-Pulizija Ngliza u Taljana. Filwaqt li nirringrazzjaw lil dawn is-sinjuri nheggu lil membri taghna jghinuna nwaqqfu din il-librerija.

---

Wara talba li saret mill-Assocjazzjoni tal-Pulizija lill-Kumpanija Butterworths, maghrufa bhala wahda mill-ahjar Publishers Inglizi dwar kotba ta' interess ghall-Pulizija u studjuzi tal-Ligi, gejna nfurmati li se jibghatulna dawn il-kotba minghajr hlas, u ahna bi tpattija se naghtuhom pubblicita fil-magazine taghna:

Baker and Wilkie's Police Promotion Handbooks No. 2 (Criminal Evidence), Calvert's Constables Pocket Guide to Powers of Arrest and Charges, Leigh's Police powers in England and Wales, u Wilcox on the Decision to Prosecute.

*Franki lura*

Saru rapprezentazzjonijiet dwar il-franki lura tal-membri tal-Korp b'mod specjali ta' certi distretti u huwa mistenni li jsiru xi arrangamenti bl-iskop li jonqsu dawn il-franki.

# DOMINE DIRIGE NOS

**RIFLESSJONI GHAL KULL XAHAR**

Min Hu Kristu Għalija?
Huwa r-Ragħaq it-Tajjeb
Li jieħu Ħsiebi Dejjem u
f'Kollox.

## MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjonijiet tal-M.H.A. ghax-xahar ta' Settembru kienu ghall-familji tal-imsemmija ex-membri tal-Korp:



ex-Surgent Maggur 397 Michael Buttigieg



ex-Kuntistabbli Nru 327 Joseph Buttigieg



ex-Kuntistabbli Nru 241 Charles Paris



ex Kuntistabbli Nru 689 Henry Ferrante

Nota: Peress li kien hemm imwiet fost il-membri aktar mis-soltu f'din il-harga qed ingibu erba' membri.

*Police Club*

L-Assocjazzjoni ma tilfitx l-opportunita li kellha biex taghmel rapprezentazzjonijiet verbali lill-Ministru tal-Gustizzja u Artijiet, l-Avukat Joseph Brincat, ghal post biex iservi bhala Police Club. Il-Ministru Brincat weghdna li se jghin l-Assocjazzjoni tikseb dan il-post. Sadanitant sar maghruf li St. Mark Bastions li kienet saret talba ghalih mill-Assocjazzjoni, gie moghti b'rizuluzzjoni fil-Parlament.

# FIAT 127 Sport
# The small sports car




The Fiat 127 Sports is a small practical saloon with a big plus — the character and features of a sports car. This is the car for the driver who looks for versatility and low fuel consumption combined with a sports car performance that makes driving fun.



**Body.** The compact shape of the basic 127 3 door saloon has been retained. But the 127 Sports has its own style. Look at some of the new features. Two spoilers, front and back, to decrease wind resistance. Halogen headlamps. A hunky black and metallic radiator grill. And a smart, sporty finish in matt black.



**Interior.** All the sporting personality of the body is followed up in the design of the new black upholstery, comprehensive instrumentation, steering wheel, and gear lever knob. Plus a quartz clock, cigar lighter and tinted windows.

**Engine.** 1050cc. 70 bhp DIN at 6,500 rpm. Max. speed 160 km/h. Acceleration from 0-100 km/h in 14sec.



FIAT U.C.I.M.CO LTD.
Valley Road, B'kara. Telephone 45965, 43467.

# PJANCI TA' REGISTRAZZJONI GODDA

| *Ittra* | *Xahar li tirrapprezenta* |
|---|---|
| B | JANNAR |
| C | FRAR |
| D | MARZU |
| E | APRIL |
| G | MEJJU |
| H u J | GUNJU |
| A | LULJU |
| K | AWISSU |
| N | SETTEMBRU |
| Q | OTTUBRU |
| R | NOVEMBRU |
| S | DICEMBRU |

Ghal raguni ta' sigurta' l-ittri 'I', 'L' u 'O' mhumiex ser jigu uzati. Motorcycles ser ikollhom l-ittri 'F' jew 'P'. Dawn l-ittri ma humiex ser jintuzaw fuq vetturi ohra.

*Licenzji tal-vetturi*

Is-sena kalendarja ser tinqasam f'erba quarters: kull quarter ser ikollu kulur ta' licenzja ghalih, jigifieri

| | |
|---|---|
| Jannar, Frar u Marzu | Homor |
| April, Mejju u Gunju | Hodor |
| Lulju, Awissu u Settembru | Sofor |
| Ottubru, Novembru u Dicembru | Blu |

It-tlett xhur ta' kull quarter ser jigu identifikati hekk:

| | |
|---|---|
| L-Ewwel xahar: | Marka ikkulurita fuq in naha ta' fuq tal-licenza. |
| It-Tieni xahar: | Marka ikkulurita fuq in naha ta' fuq u in-naha t'isfel tal-licenza. |
| It-Tielet xahar: | L-istess bhat-tieni xahar pero ikun hemm zewg marki ohra ukoll fuq kull genb tal-licenza. |

Licenza tal-vetturi kollha, ukoll dawk illi ma jintuzawx, ghandhom jigu imgedda kull sena.

Licenza tal-vettura tista ma tigix imgedda biss jekk id-detentur tal-licenza jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija bil-miktub qabel ma jirrinova il-licenza, illi ma jkunx behsiebu juza il-vettura tieghu u jkun ser jiggaraxxjaha. Ma din in-notifika ghandhom jigu irritornati ukoll il-pjanci li jkunu inhargu mill-Pulizija kif ukoll il-log book.

*Certifikat ta' Vettura*

Ghandhom jinhargu ghall-ewwel darba Certifikati ta' Vettura (log book), ghal kull vettura f'Malta u Ghawdex. Dawn il-log books ser jikkontjenu particulars tal-vettura, tal-persuna jew 'user' li f'ismu tinhareg il-licenza, kif ukoll records ta' kull transfer li jsir.

**Kulhadd huwa obbligat li jzomm dan il-log book fil-vettura tieghu.**

Il-licenza ser tikkontjeni biss l-isem u l-indirizz tad-detentur; particulars ohra ghandhom jittiehdu minn fuq il-log book.

**— Regolamenti ta' l-1979 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Licenzi tal-Pulizija –**

Ir-regolament 4 tar-regolamenti principali ghandu jigi emendat kif gej:

(a) minnufih fit-tart tal-paragrafu (1) tieghu ghandu jizdied il-proviso li gej:

"Izda licenza mahruga ghall-uzu ta' vettura bil-mutur tiskadi f'dik id-data li tkun specifikata fuqha.";

(b) fil-paragrafu (2) tieghu, minflok il-kliem "Meta xi licenza" ghandhom jidhlu l-kliem "Meta xi licenza, barra minn licenza ghall-uzu ta' vettura bil-mutur," u minflok il-kliem "fl-Iskeda" ghandhom jidhlu l-kliem "fl-Ewwel Skeda";

(c) is-sub-paragrafu (c) tal-paragrafu (3) tieghu ghandu jithassar, u

(d) minnufih fit-tarf tal-paragrafu (5) tieghu ghandhom jizdiedu l-provisos li gejjin:

"Izda, dwar licenzi ghall-uzu ta' vettura bil-mutur matul is-sena 1980, id-drittijiet proporzjonali relattivi ghandhom jithallsu f'dik id-data u ghal dak il-perijodu kif muri fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, wara li jitnaqqas minnhom il-perijodu kif muri fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, wara li jitnaqqas minnhom il-perijodu, jekk ikun hemm, li ghalih il-vettura tkun digà licenzjata:

"Izda, dwar licenzi ghall-uzu ta' vettura bil-mutur matul is-sena 1980, id-drittijiet proporzjonali relattivi ghandhom jithallsu f'dik id-data u ghal dak il-perijodu kif muri fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, wara li jitnaqqas minnhom il-perijodu, jekk ikun hemm, li ghalih il-vettura tkun digà licenzjata:

Izda wkoll, meta d-detentur ta' licenza ta' vettura bil-mutur ikun ukoll id-detentur ta' licenza tas-sewqan ta' vettura bil-mutur, id-detentur tal-licenza tas-sewqan jista' jgedded dik il-licenza ta' l-ahhar matul il-perijodu preskritt ghat-tigdid tal-licenza dwar l-uzu tal-vettura bil-mutur."

**3.** Ir-regolament 5 tar-regolamenti principali ghandu jigi emendat kif gej:

(a) minflok il-kliem "fl-Iskeda" fil-paragrafu (1) tieghu ghandhom jidhlu l-kliem "fl-Ewwel jew fit-Tieni Skeda";

(b) minflok il-paragrafu (a) tal-proviso ghall-paragrafu (1) ghandu ijdhol dan li gej:

"(a) mal-hrug wara l-eghluq ta' xi trimestru ta sena ta' licenza, li dwarha jithallas dritt ta' iktar minn hamsin centezmu u li ma tkunx la licenza ghall-uzu ta vettura bil-mutur, la licenza tas-sewqan ta' vettura bil-mutur, la Permess tas-Sewqan Internazzjonali, la Certifikat Internazzjonali ghal Vetturi bil-Mutur, u lanqas licenza tal-kacca, id-dritt li jithallas dwar dik il-licenza (barra mid-dritt li jithallas taht il-proviso ghall-partita 62 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti), ghandu jitnaqqas b'daqstant kwarti daqs kemm ikunu ghalqu trimestri mill-ewwel gurnata ta' Jannar tas-sena li tkun kurrenti; u";




---


# O.F. GOLLCHER & SONS

**Lloyd's Agency — Shipping — Insurance — Aviation**

Regular and direct **Freight Services** (Break Bulk and/or Containerised) to/from Liverpool, Birkenhead, Ellesmere, Hull, London, Antwerp, Hamburg, Bremen, Amsterdam, Rotterdam, United States, North Atlantic Ports; Japanese and other Far Eastern Ports (through Bs/Lading issued to any destination).

**Further Information from relative Departments — Telephones:**

**Freight/Passenger Depts: 624373/626429**

**Lloyds Agency Dept.:** 624373 — **Insurance Dept:** 620151

**Claim Settling Dept.:** 620722 — **Management:** 624858

ARRANGES WORLDWIDE AIR PASSAGES

general sales agents for: KLM ROYAL DUTCH AIRLINES

**Garuda Indonesian Airways, Viasa Venezuelan Airlines**

Agents for Leading Shipping Lines, Lloyds Agents and Agents for Salvage Association, United States Salvage Association, Inc., etc. Non-Exclusive Surveyors to American Bureau of Shipping, Det Norske Veritas, and Nippon Kaiji Kyokai, Cargo Surveyors & Claim Settling Agents, General Insurance Brokers, Ship Brokers & Chartering Agents.

GOLLCHER
O.F. GOLLCHER & SONS EST. 1854

**19, Zachary Street, Valletta**

**(opposite St. John's Co-Cathedral)**

**Cables: Gollcher Valletta Malta**

**Telex: Malta 227 Golchr MW**

(c) il-paragrafu (b) tal-proviso għall-paragrafu (1) tiegħu għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala paragrafu (d) tiegħu;

(d) minnufih wara l-paragrafu (a) tal-proviso għall-paragrafu (1) tiegħu għandhom jiddaħlu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(b) mat-tiġdid ta' licenza għall-użu ta' vettura bil-mutur wara li jkun għalaq trimestru wieħed jew iktar ta' sena, id-dritt tal-licenza għandu jitnaqqas b'tant kwarti daqs kemm ikunu għaddew trimestri minn meta l-licenza ta' qabel tkun l-aħħar skadiet, kemm-il darba d-detentur tal-licenza, qabel ma tiskadi l-validità tal-licenza, jgħarraf lill-Kummissarju li l-vettura ma tkunx se tintuża fit-triq matul trimestru wieħed jew iżjed tas-sena li tibda fid-data ta' l-imsemmija skadenza u li tkun se titqiegħed f'garage matul l-imsemmi perijodu li ma tkunx se tintuża, u kemm-il darba wkoll l-imsemmi detentur tal-licenza jikkonsenja lill-Kummissarju ċ-Ċertifikat ta' vettura bil-mutur relattiv kif ukoll il-pjanċi tan-numru tal-vettura bil-mutur relattiv;

(c) jekk is-sid ta' vettura li ma jkunx bi ħsiebu juża dik il-vettura għal trimestru wieħed jew iżjed jonqos li jħares il-kondizzjonijiet murija fil-paragrafu (b) ta' dan il-proviso qabel ma tiskadi l-licenza relattiva iżda jagħti l-avviż tiegħu bil-miktub u jħares l-imsemmija kondizzjonijiet l-oħra f'data wara u barra minn hekk jikkonferma bil-ġurament li ma jkunx għamel użu mill-imsemmija vettura minn meta tkun skadiet il-licenza tagħha, dan ikun obbligat iħallas dik il-parti proporzjonali tal-licenza fis-sena li tkun tirrappreżenta n-numru ta' trimestri mid-data li tkun skadiet sa u inkluż it-trimestru kurrenti iżda ma jkunx suġġett li jħallas il-multa preskritta jekk dak l-avviż jingħata mhux aktar tard minn xahar minnufih wara li tkun skadiet il-licenza relattiva;";

(e) minflok il-kliem "ta' l-Iskeda" li hemm fil-paragrafu (d) tal-proviso għall-paragrafu (1) tiegħu għandhom jiddaħlu l-kliem "ta' l-Ewwel Skeda", u

(f) minflok il-paragrafu (4) tiegħu, għandu jiddaħal dan li ġej:

"(4) Ħlas lura dwar id-dritt ta' licenza (barra mid-dritt li jitħallas taħt il-proviso għall-partita 62 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti) għal vettura bil-mutur għandu jingħata mill-Kummissarju jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tiegħu li dik il-vettura tkun ġiet skrappjata jew tkun ġiet misruqa u ma nstabitx matul iż-żmien li fih il-licenza relattiva tkun fis-seħħ jew tkun ġiet esportata u ma reġgħetx ġiet importata matul iż-żmien li fih il-licenza relattiva tkun fis-seħħ.

(4A) Kull ħlas lura kif imsemmi fil-paragrafu (4) ta' dan ir-regolament għandu jkun ta' kwart wieħed jew kwarti oħra tad-dritt li jkun tħallas għal-licenza li jkun jikkorrispondi għall-kwart jew kwarti sħaħ tas-sena jew tal-perijodu li għalih il-licenza tkun ġiet maħruġa matul liema sena jew perijodu l-vettura tkun ġiet skrappjata, misruqa jew esportata."

4. Minnufih wara r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"9A. Il-Kummissarju ma għandu joħroġ jew iġedded ebda licenza dwar vettura bil-mutur, kemm-il darba ma jkunx hemm, dwar dik il-vettura bil-mutur, ċertifikat ta' vettura bil-mutur.".

5. Minflok l-intestatura "L-ISKEDA" minnufih wara r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandha tiddaħal l-intestatura "L-EWWEL SKEDA".

6. Minflok il-partita 76 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiddaħal dan li ġej:

"76. Għal kull emenda ta' Ċertifikat ta' vettura bil mutur, jew għall-ħruġ ta' kull Ċertifikat ġdid bħal dak minflok l-ewwel wieħed li kien maħruġ oriġinarjament ............ £M1.00.0".

7. Minnufih wara l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied l-Iskeda ġdida li ġejja:

## IT-TIENI SKEDA

| Data ta' Ħlas | Numru ta' registrazzjoni | Validità tal-licenza |
|---|---|---|
| mill-1 sal 31 ta' Awissu, 1979 | 1 sa 8,000 | mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Lulju, 1980 |
| | 8,001 sas-16,000 | mill-1 sal-31 ta' Jannar, 1980 |
| | 16,001 sa l-20,000 | mill-1 ta' Jannar sad-29 ta' Frar, 1980 |
| mill-1 sat-30 ta' Settembru, 1979 | 20,001 sat-28,000 | mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awissu, 1980 |
| | 28,001 sat-32,000 | mill-1 ta' Jannar sad-29 ta' Frar, 1980 |
| | 32,001 sa l-40,000 | mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, 1980 |
| mill-1 sal 31 ta' Ottubru, 1979 | 40,001 sal-48,000 | mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Settembru, 1980 |
| | 48,001 sas-56,000 | mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Ottubru, 1980 |
| | 56,000 sas-60,000 | mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju, 1980 |
| mill-1 sat-30 ta' Novembru, 1979 | 60,001 sat-68,000 | mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Novembru, 1980 |
| | 68,001 sas-76,000 | mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, 1980 |
| | 76,001 sat-80,000 | mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju, 1980 |
| mill-1 sal-31 ta' Diċembru, 1979 | 80,001 sat-88,000 | mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April, 1980 |
| | 'Il fuq minn 88,000 | mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju, 1980 |




**Contact Sullivan & Sullivan Ltd., Malta's Cargo and Travel Experts...**

They can forward your personal effects boxes and/or cargo, conventional or containerised to all destinations, at special rates, even to AUSTRALIA, CANADA, UK and USA.

When planning for your holiday in the most economical and practical way,. use their Travelmatic Service for any of the following facilities:-

Insured Apex to and from UK. USA and CANADA.
WINDSOR TOURS or any other inclusive tour to and from principal European Countries.
SPECIAL FARES to Australia.

**Sullivan & Sullivan Ltd.**
**150, St. Lucia Street,**
**Valletta.**
Telephone: 624715, 625946 during office hours.
30560, 31628, 31778 after office hours and on holidays.

# DAI Trading Agency

**Kingsbridge Building**

**Msida Circus — Msida**

**Telephone : 37119**

(THE BIGGEST DOMESTIC ELECTRONIC PRODUCTS BUSINESS IN MALTA)

*Representing:*

SONY CORPORATION
JVC-NIVICO CORPORATION
CLARION COMPANY LIMITED
HITACHI CORPORATION
RISING COMPANY LIMITED
FUJITSU-TEN CAR STEREO
GOODMANS LOUDSPEAKERS LIMITED
TANNOY COMPANY LIMITED
B & W COMPANY LIMITED
SPENDOR COMPANY LIMITED

*assure their clients that they always keep in stock about 12,000 different items of spare parts and accessories. Efficient quick repair service of their products is also assured.*

# AHBARIJIET LOKALI U INTERNAZZJONALI

*MALTA* — Curkett jinstab wara tlett snin

Hija haga komuni li wiehed jirraporta f'ghassa tal-Pulizija xi haga misjuba jew mitlufa, izda dan l-ahhar fl-ghassa tal-Pulizija tal-Mellieha gie rrapurtat kaz rari, meta turist Ingliz mar l-ghassa jinforma lil Pulizija li kien sab curkett tat-tieg, waqt li kien qed jilghab ma' ibnu fuq ir-ramel fil-bajja ta' Ghajn Tuffieha.

Is-Surgent Attard tal-Mellieha wara li fela c-curkett sab li kellu isem u data, liema data kienet dik tat-tieg ta' sid ic-curkett. Wara stharrig li ghamel is-Surgent, dan wasal biex sab lis-sinjura li tilfet ic-curkett u grazzi ghat-turist ingliz u l-inizjattiva tas-Surgent, din tista terga' tilbes ic-curkett li tilfet *tlett snin ilu*.



Scout jidderigi t-traffiku.

*COSTA RICA* — Scouts jidderigu t-traffiku

In-nuqqas ta' Pulizija jinhass f'hafna pajjizi, u f'Costa Rica, ftit taz-zmien ilu, meta l-Pulizija kollha kienu xoghol minhabba s-sigurta ta' xi konferenza mportanti, kellhom johorgu lis-scouts biex jidderigu t-traffiku.

*INGILTERRA* — Zieda ta' 'drug addicts'

Skond statistika mahruga dan l-ahhar fl-Ingilterra, n-numru ta' 'drug addicts' qed jizdied u huwa kkalkulat li hemm madwar 4,122 'addicts' irregistrati.

*INGILTERRA* — Ikel lill-Pulizija

Elezzjoni hija bicca ugih ta' ras ghall-hafna nies barra l-politikanti u fost dawn in-nies hemm, naturalment il-Pulizija, li matul iz-zmien ta' elezzjoni jahdmu ghal sighat twal bla waqfin hlief ghall-ikel.

F'April 1979, l-Metropolitan Police Catering Department ha hsieb l-ikel ghall-Pulizija u f'gurnata minnhom hejja madwar 3,800 ikla u l-istess ammont ta' 'snacks'. Biex ihejju dan l-ikel kien hemm staff ta' mitejn ruh. F'okkazjonijiet bhal dawn jintuzaw diversi ghasses tal-Pulizija fejn ikunu jistghu jieklu l-pulizija u kien hemm ukoll okkazjonijiet fejn il-pulizija kielu fit-triq, jew fil-karozzi u l-ikel kellu jitqassam permezz ta' 'Mobile Canteens'.

*AWSTRALJA* — Apparat li ghandu jnaqqas l-incidenti tat-traffiku.

F'xi harga ohra ta' dan il-magazin semmejna l-invenzjoni ta' apparat li jitwahhal mal-bumpers tal-karozzi bl-iskop li jnaqqas il-kullizjonijiet komuni hafna fejn karozza tidhol go ta' quddiema.

Issa fl-Awstralja harget invenzjoni ohra, din id-darba bl-iskop li jonqsu l-incidenti tat-traffiku minhabba sewwieqa taht influwenza tax-xorb. Dan l-apparat jitpogga gol-karozza u s-sewwieq qabel jibda jsuq, jew ahjar qabel jistartja, jrid jonfoh fi speci ta' tubu, u jekk ikun xurban aktar milli suppost, mhux biss jigi ndikat lilu fuq dan l-apparat, izda ma jkunx jista jistartja l-karozza.

Dan l-apparat naturalment jintuza minn dawk is-sewwieqa wara li jkunu attendew f'xi postijiet tax-xorb u jigu f'dubju jekk ghandhomx isuqu jew le minhabba lis-stat li jkunu fih.

*WESTPHALIA, GERMANJA* — Roti bit-tyres jixghelu

Tyres li jirriflettu d-dawl, se jghinu biex min isuq roti bil-lejl inaqqas il-periklu minn incidenti.

Skond il-programm ta' sigurta' fin-North Rine — Westphalia, l-istat bi hsiebu li jibdel it-tyres tar-roti tat-tfal b'tyres ohrajn li jkunu jixhelu, b'xejn.

Il-Ministeru tat-Trasport, Riemer qal li t-tfal ta' bejn it-8 snin u 14 il-sena se jinghataw biljett biex jakkwistaw it-tyres, bil-kondizzjoni li r-roti taghhom jigu ccekkjati. Dan qed isir biex ikun hemm izjed sigurta' fit-toroq, ghaliex qed jizdiedu l-incidenti fatali fit-toroq fost tfal bir-roti.

L-IKRAH MARA

DAQSXEJN ta' storja zghira fuq Oscar Wilde u certa poetessa li bhalissa isimha nsejtu. Frank Harris u Oscar Wilde darba wara nofs-in-nhar, kienu qeghdin jaqsmu minn fuq Pont Neuf fil-belt kapitali Franciza, meta raw lil din il-poetessa gejja fid-direzzjoni taghhom. Harris thawwad xi ftit meta gie biex jintroduci lil-habib tieghu Wilde ghax il-poetessa kellha fama li kienet l-aktar mara kerha go Parigi kif iddur, u Oscar Wilde ma kienx ihobb il-kruha. Madankollu ma setax jiskappaha. "Jien smajt bik" meta Harris introduca lil Wild. "U jiena wkoll, Madame" wiegeb Wilde. "Jiena m'ghandi l-ebda dubju" kompliet hi xi ftit misthija. "Jiena maghrufa ghal wicci — l-aktar ikrah f'Parigi".

Oscar Wilde kompla maghha u fil-waqt li sellmilha billi inklina qalilha, "Fid-dinja kollha, Madame"!

# Alternattivi ghall-Habs

IT-TIENI PARTI

Minn R C Theuma, Direttur tal-Habs

*L-Ezami tal-Persuni*

Qabel ma nghataw din il-kwalita ta' sentenzi mill-Qorti Ingliza l-persuni koncernati gew ezaminnati bir-reqqa fuq rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer, ghax fil-waqt li din il-piena tista' tkun valida ghal xi kazi partikulari, xi offizi semplici u talmument, din ma jistghax ikolla s-success mixtieq ma persuni vjolenti u nies psikopatici, mentalment disturbi jew ma alkoholici, jew dawk li dejjem ghexu fil-ghass u qatt ma kellhom xoghol regolari. U iktar u iktar dan l-iskema zgur li mhux mahsub biex jibbenefikaw minnu l-kriminali professjonali u persuni maghrufa ghall-vjolenza u kriminalita.

Anki fl-Ingilterra fejn inghata bidu ghal dan l-esperiment b'tant success tinghata mportanza kbira dwar l-ghazla ta' dawk il-persuni li ghalihom tista tinghata Ordni ta' xoghol minflok sentenza ta' habs. B'dankollu hafna minn dawk li nghataw dan l-Ordni kienu skuntaw sentenza ta' habs u wara li gawdew minn dan l-esperiment instab li ghamlu x-xoghol moghti lilhom mill-Qorti sodisfacenti. Gew irrapurtati kazi ohra fejn wara li l-Magistrat kien ta Ordni ta' xoghol minflok sentenza kalcerarja, dawn il-persuni biddlu l-personalita taghhom u issa huma membri rispettabli fil-kommunita.

Ma jistghax jonqos li kien hemm kazi fejn dan l-Ordni ma kellux ir-rispons mixtieq birrizultat li whud minn dawk li gew ordnati jaghmlu xoghol minghajr hlas baqghu ma ghamlu xejn u ohrajn mhux talli hekk izda komplew bil-hajja ta' qabel u kkommettew aktar reati. F'dawn il-kazi dawn il-persuni ingiebu quddiem il-Qrati u gew ikkundannati sentenzi ta' habs.

Huwa necessarju li dawk il-persuni li jigu rakkommandati halli jgawdu minn dan l-iskema gdid irid ikollhom hajja kemm jista jkun normali u minghajr ma toqghod tfittex in-nuqqasijiet li jista jkolhom li minhabba fihom forsi jinsabu fl-inkwiet li giebhom quddiem il-Qorti; imma ghall-inqas irid ikun hemm xi sinjal ta' xi haga tajba li fuqha tista' tpoggi t-tama li dik il-persuna tista titbieghed mit-triq tal-vizzji.

*L-Iskop Ewlieni*

L-iskop ta' dan l-iskema meta gie mibdi fl-Ingilterra kien li jnaqqas in-numru ta' dawk li kienu jintbaghtu l-habs u b'hekk jitnaqqsu wkoll l-ispejjes kbar li jinhtiegu biex izzomm persuna fil-habs. Imma minn dan l-iskema minbarra n-nuqqas fil-popolazzjoni tal-habs u l-ispejjes biex izzommhom hemm instab ukoll li l-persuna misjuba hatja u mghotija Ordni ta' Xoghol minghajr hlas fil-hin liberu, tista tibqa zzomm ix-xoghol li jkollha u l-familja tibqa flimkien minghajr il-konsegwenzi li hafna drabi jinqalghu wara li l-kap tal-familja jintbaghat il-habs u jitlef l-impieg.

Il-pajjiz jiggwadanja billi l-persuni li jkunu kkommettew ir-reati u nstabu hatja jkunu qieghdin jirristitwixxu lura u jhallsu d-djun lejn is-socjeta permezz ta' dan ix-xoghol ikunu qed jghinu wkoll biex jitkisser ic-cirku vizzjus fil-Kommunita. Il-kriminali stess jigu mgieghla jaghtu ix-xoghol taghhom u b'hekk ihossuhom involuti iktar peress li x-xoghol taghhom ikun qed jigi apprezzat mis-socjeta minflok li huma gew imwarrba. Ix-xoghol fil-Kommunita jghin lil dawk misjuba hatja biex jaghtu s-sehem taghhom ghall-gid tas-socjeta u dan jista' jkun il-mezz li bih isibu hajja gdida l-boghod mill-kriminalita.

*Kif jitqassam ix-Xoghol*

Biex ix-xoghol li jsir jirnexxi jinhtieg li jigu formulati regoli u jigi stabbilit l-iskop li ghalih dan l-iskema qed jigi preparat.

i) Ix-xoghol li jaghmel l-individwu jrid jaghmlu b'mod li ghalih tkun esperjenza li minha jitghallem.
ii) Ix-xoghol irid ikun posittiv biex minnu tiehu beneficcju s-socjeta.
iii) Ix-xoghol tajjeb li jsir fl-istess lokal fejn joqghod l-individwu ordnat biex jaghmlu.
iv) Ix-xoghol jekk ikun adatat jista jhajjar lill-individwu jkompli jaghmlu anki minn jeddu wara li l-Ordni tkun giet kompluta.

Fl-Ingilterra x-xoghol li jaghmlu dawk il-persuni ordnati b'sentenza tal-Qorti jigi inkorporat fil-programm ta' xoghol li jsir minn socjetajiet voluntarji tal-istess lokal, u dan kellu rizultati posittivi ghax f'xi kazi baqghu huma wkoll jaghtu s-sehem taghhom f'dawn is-socjetajiet voluntarji.

M'hemmx dubju li Ordni ta' xoghol fil-Kommunita bhala alternattiv ghall-piena ta'habs huwa posittiv u kostruttiv u ghandu jigi accettat sew mill-awtoritajiet kif ukoll mill-istess persuni koncernati li jinghataw dan l-Ordni minflok sentenza ta' habs.

Ix-xoghol li jistghu jaghmlu jiddependi mill-individwu, l-kapacitajiet li ghandu u x-xoghol li jkun disponibbli ghalihom. Kull bicca xoghol trid tkun adattata ghall-individwu li tinghata u jrid ikun hemm koperazzjoni ghax inkella l-iskema kollu jkun fil-periklu li jfalli.

F'dan ir-rigward id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali jista jaghti sehem kbir billi jlesti programm ta' xoghol ghal dawk il-persuni li jaqghu taht din l-Ordni u jinfurmaw lill-Qorti fejn hemm bzonn li jsir dan ix-xoghol bhal f'xi djar tax-xjuh u tal-inkapacitati kif ukoll f'xi sptarijiet, djar tat-tfal u ma' socjetajiet voluntarji.

Wiehed ma jistennix li dan l-iskema se jigi milquh minghajr ebda diffikulta u ma jkunx hemm dawk li jkunu mbezza jaccettaw persuni li ghandhom passat ta' kriminalita. Hemm min hu konvint li bniedem kriminali jibqa dejjem kriminali u difficili li jibdel il-personalita u l-uzanzi li jkollu. Izda ghal dawn l-asserjonijiet hemm l-eccezzjoni wkoll

*Punti Legali*

Qabel ma dan l-iskema jkun jista jigi mhaddem irid ikun hemm studju dwar l-implikazzjonijiet u l-punti legali biex jigu formulati l-kriterji li fuqhom jimxu l-Magistrati u l-Imhallfin.

Il-Ligi Ngliza hija cara u esplicita: 'Il-Qorti li tkun ezaminat il-kaz ta' ragel jew mara ta' l-fuq minn 17 il-sena u jinstab hati ta' offiza li fuqha jista jehel piena ta' habs tista' taghmel Ordni ghal Xoghol fil-Kommunita u tordna l-akkuzat li jaghmel xoghol mhux

inqas minn 40 siegha u mhux izjed minn 240 siegha fi zmien tnax il-xahar minn dik l-Ordni.

Qabel ma taghmel din l-Ordni l-Qorti trid:
(a) tikkunsidra l-kundizzjoni socjali tal-akkuzat
(b) ikolla l-approvazzjoni tal-akkuzat
(c) tkun sodisfatta li hemm xoghol ghall-akkuzat

L-akkuzat li ghalih issir l—Ordni ghax-Xoghol
(a) irid jirraporta ghax-xoghol fejn jigi ndikat
(b) jinforma lill-awtorita kompetenti kull bdil fl-indirizz
(c) jaghmel dak ix-xoghol mghoti lilu fil-hin indikat

Kemm jista jkun possibili l-Ordni ghax-Xoghol tinghata minghajr tfixkil ghall-konvinzjonijiet religjuzi tal-akkuzat jew ghall-hin tax-xoghol regulari tieghu.

Fil-kaz li l-akkuzat ma jikkonformax ruhu mal-Ordni tax-Xoghol jista' jehel multa sa £50 minghajr pregudizzju li l-Ordni titkompla jew il-Qorti tista tirrevoka l-Ordni u tiddisponi bl-offiza originali. L-istess procedura ghall-ksur ta' Probation tintuza f'kaz ta' ksur ta' Ordni ghax-Xoghol.

*Kif tinghata l-Ordni*

L-Ordni li tinghata ghal xoghol minghajr hlas minflok sentenza karcerarja hija mahsuba li tinghata biss f'kaz fejn sentenza karcerarja kienet tkun qasira. Din l-Ordni tista tinghata ghal ghal dawk l-offizi li huma punibbli b'sentenza karcerarja.

Din l-Ordni tista tinghata wkoll f'dawk il-kazi li ghalihom tinghata Probation, multa jew liberazzjoni kondizzjonata.

Izda l-Ingilterra din l-ordni tinghata f'dawk il-kazi fejn l-akkuzat wara li jinstab hati jinghata sentenza ta' habs u din tinbidel f'wahda ta' Xoghol minghajr hlas.

Bejn wiehed u iehor din il-mizura qed tigi applikata:-

Minflok 12 il-xahar habs issir Ordni ghal 240 siegha xoghol. Ghal 6 xhur habs tinghata 120 siegha xoghol.

Fil-prattika din il-ligi hija flessibli u tigi varjata skond l-attitudni u kif jifimha l-Magistrat Sedenti. Il-maggoranza tal-Magistrati Nglizi juzaw din il-ligi bhala alternattiv ghall-sentenza karcerarja iktar minn haga ohra.

*Kif Jahsbuha xi Whud*

Hemm min iqis l-Ordni ghal-xoghol minghajr hlas bhala kastig li bih il-persuna misjuba hatja tkun qed thallas lura lis-socjeta. Hemm ohrajn li jaraw dan l-Ordni bhala mezz biex individwi jigu rijabilitati permezz tas-servizz li jaghtu lis-socjeta. Izda jistghu jinqalghu diffikultajiet dwar ix-xoghol li jista isir minn persuna wara li din tigi misjuba hatja ta' ksur tal-ligi kriminali u ghalhekk jista' jkun hemm oggezzjoni ghal dawn il-persuni li jigu f'kuntatt dirett ma' zaghagh, persuni inkapacitati jew nies xjuh.

Huwa ghalhekk ferm importanti li l-opinjoni pubblika tigi ppreparata sewwa qabel ma dan l-esperiment jkun jista jibda jahdem. Ghax dan, bhal kull haga ohra gdida, jkun hemm min jopponi ghaliha. Minbarra l-pubbliku in gererali huwa wkoll mehtieg li kemm il-Magistrati u l-Imhallfin tal-Qrati taghna kif ukoll l-Avukati tar-Repubblika u nies ohra koncernati direttament iridu jkunu konvinti huma qabel ma dan is-servizz gdid ikun jista jithaddem fil-Gudikatura Maltija.

*Is-Sehem tal-Ufficjali tal-'Probation'*

L-Ufficjali tal-Probation iridu jaghtu s-sehem taghhom ukoll biex jissorveljaw lil dawk il-persuni waqt ix-xoghol li jkunu ordnati li jaghtu lill-Kommunita kif ukoll jirrapurtaw lill-Qorti dwar dawk li jiksru dan l-Ordni. Xi whud minn dawk li jinghtaw dan l-Ordni jistghu jkollhom bzonn l-ghajnuna specjalizzata tal-Ufficjali tal-Probation fizzmien li jkunu qed jesegwixxu l-ordni. Dawn l-Ufficjali jridu wkoll jorganizzaw ix-xoghol ghal dawk il-persuni li jinghataw dik l-Ordni kif ukoll jirrapurtaw lill-Qorti dwar jekk dawk il-persuni li se jinghataw dak l-ordni humiex kapaci jkompluha.

L-Ordni tal-Qrati f'dan irrigward huwa bazat principalment fix-xoghol li jigi mghoti b'xejn u voluntarjament minghajr l-ebda element li wiehed jigi mgieghel jaghmel ix-xoghol kontra l-vononta tieghu. Kwazi wiehed iqis l-Ordni ghax-xoghol kontradittorja ghax kif tista tordna wiehed jaghmel xoghol minghajr hlas fil-hin liberu tieghu? Wiehed irid iqis ukoll li qabel ma l-Qorti taghti l-Ordni ghax-xoghol l-individwa jrid jaghti l-kunsens tieghu lill-Qorti, imma fir-realta huwa qieghed f'sitwazzjoni ta' 'hobson's choice' ghax l-alternattiv ta' dan l-Ordni huwa sentenza ta' habs.

*Kif Issir l-Ghazla*

Qabel ma individwu jinghata Ordni mill-Qorti biex jaghmel xoghol fil-Kommunita l-Qorti trid diga giet infurmata permezz tarrapporti li jaghmlu l-Ufficjali tal-Probation jekk l-individwu huwiex kapaci jkompli dik l-Ordni u anki dwar l-istat socjali tieghu. Hemm kategorija ta' persuni li ma jistghux jiehdu parti f'dan is-servizz gdid minhabba cirkostanzi personali u socjali taghhom, minhabba l-kondotta hazina, ghax ikkommettew reati bi vjolenza, jew reati dwar is-sess, u ohrajn li huma ddrogati u ma jghadux minghajr l-alkohol.
Dawk li minhabba ragunijiet ovvji jidher li ma jistghux ikomplu bl-Ordni li tinghatalhom mill-Qorti allura dawn ma jistghux jiehdu sehem.

Il-Probation Officer wara li jezamina l-punti kollha rigward jekk l-individwu huwiex tajjeb li jimxi ma l-Ordni tal-Qorti jintervista lill-individwu u jistabilixxi minn ghandu kif jahsiba huwa dwar l-Ordni ghax-xoghol u l-hin liberu tieghu li fih jista' jaghmlu. Wara li jaghmel dan l-ufficjal jirraporta kollox lill-Qorti. Wara li l-persuna tinghata l-Ordni fil-Qorti din terga tigi ntervistata mill-probation officer biex tinghata xoghol skond l-eta taghha, in-natura tal-offiza, jekk hemmx xi riskji u kemm tkun motivata. Wara li din il-persuna tibda x-xoghol jinzamm rendikont tassighat tax-xoghol li tkun qed taghmel u dwar il-kondotta taghha fuq ix-xoghol li tkun qed taghmel
Numru ta' persuni li jkunu qieghdin jahdmu b'Ordni tal-Qorti jistghu jkunu flimkien u b'hekk ikunu sorveljati f'daqqa.

TKOMPLI


TEL. 674233
Roadhouse Buskett
EVERY NIGHT
INTERNATIONAL CABARET
from 9 P.M.
Starring
and his
PRODUCTION
REVUE
ROADHOUSE OPEN AIR THEATRE
PANTOPUPPETS
presented by
Martin Clifford
DUO SAFRAN CYCLING ACT
DUO SAFRAN CYCLING ACT
EVERY MONDAY
BUFFET
DISCO
and
CABARET
PANTOPUPPETS
LOCAL FOLKLORE GROUP
RESIDENT GROUP
AQUARIUS
Recording Star
JOE DALLI

# IS-SUMMER CAMP

**L-ewwel Jum . . .It-Tnejn, 13 ta' Awissus 1979**

KIF KIEN programmat, it-tfal li kellhom jiehdu sehem f'dan l-ewwel Kamp tas-Sajf, ingiebu mill-genituri taghhom, hdejn il-Kwartieri Generali, il-Furjana, fit-8 ta' filghodu.

Saret rassenja tat-tfal prezenti u tlaqna minn hdejn id-Depot fit-8.30 a.m. u wasalna l-iskola ta' Marsascala ghal habta tad-9.30 a.m.

Mal-wasla fl-iskola, it-tfal gew incirizzati minn ufficjal tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, li spjegalhom dwar it-tqassim, ikel u dak li kien mistenni minnhom.

Wara dan, it-tfal taghna qassamnijhom f'sitt 'houses'; tlieta ghas-Subien u tlieta ghal Bniet.

Il-'Houses' tas-Subien tajnihom l-ismijiet ta' **'Fire-Brigade'**, **'Helicopter'** u **'Mobile'**, fil-waqt li dawk tal-bniet inghataw l-ismijiet ta' **'C.I.D.'**, **'Police Stations'** u **'Mounted'**. It-tfal gew imqassma f'etajiet differenti biex joholqu atmosfera ta' familja bl-akbar wiehed jew wahda jkunu l-'leaders'. Il-'leaders' subien kienu Joseph Mamo, George Mangion u Glenn Marshall filwaqt li l-'leaders' bniet kienu Joeanne Tanti, Ruth Spiteri u Josianne Tanti. Fuq dawn, inkarigati minn kull kamra kien hemm l-Ispettur Debattista, Alex Barbieri u Dominic Cassar mas-Subien u Mrs. Debattista, Mrs. Cassar u Mrs. Barberi mal bniet. Wara li sar dan kollu u t-tfal kienu issetiljati, kulhadd ingabar fil-Hall fejn gie organizzat loghob ta' gewwa bhal Volley Ball, Chess, Draughts, Dominoes, Ludo, Snakes and Ladders, Monopoly of Master Mind.

F'nofs inhar morna ghall-ikel u wara li kielu it-tfal kellhom l-ewwel rehearsal fil-kant ta' l-Innu Malti bi preparazzjoni ghaz-Zjara tal-President.

Fit-3 p.m. tlaqna ghal Buskett Roadhouse fejn it-tfal kellhom show talPUPPETS u tal-Bicycle Balancing u inghataw ukoll platt li kien fih hobz, pastizzi u pasta, kif ukoll te jew minerali, gentilment provduti mis-Sur Joe Gatt, sid il-post.

Il-performers gew ipprezentati b'rigali mill-Ispettur Debattista f'isem l-organizzaturi, bhala apprezzament tax-show b'xejn li tawna. Meta irritornajna M'Scala, it-tfal gew mghurija diversi films addattati ghalihom u gie wkoll organizzat loghob sakemm sar il-hin ghall-ikel u wara ftit hin liberu, it-tfal gew imtelgha fil-kmamar ghal-irqad.



It-tfal fir-Roadhouse Buskett.



*It-Tieni Jum . . . It-Tlieta, 14 ta' Awwissu, 1979*

Wara l-ewwel lejl fil-Kamp, kontra dak li kien mistenni, it-tfal qamu kmieni (fis-6 a.m.) u peress li l-breakfast ma kienx lest qabel it-8 a.m., il-kumitat ipprovdilhom te u cakes.

Fit-8 a.m. it-tfal hadu l-breakfast u ghal habta tad-9 a.m.

## TKOMPLI MINN P.1

meta morna lura l-iskola. Nafu wkoll li hafna mit-tfal taghna li qatt qabel ma kiennu ltaqghu, saru hbieb tassew u naf li sejrin izommu kuntatt bejniethom.

Dawn l-affarijiet sbieh tibqa tiftakarhom u huma s-sodisfazzjon tal-hafna xoghol VOLUNTARJU li sar minn min ha hsieb it-tfal.

Il-livell li nzamm kien gholi. Bla tlaqlieq nghid li kellna livell ghola minn dak li normalment issib f'Kampijiet bhal dawn. Ghalhekk nisperaw li l-quddiem insibu aktar koperazzjoni biex dak li nbeda jkun jista jitjieb, ghal gid tat-tfal taghna li hadd daqsna ma jista' jahseb ghalihom biex ma jkunux anqas minn tfal ohra.

**Għal dak kollu illi jirrikjedi l-bini, mill-qatran tal-pedament sal-kisi tal-bejt, irrikorri għand l-aktar ditta illi ilha stabbilita, sa mis-sena 1883. Tispeċjalizza fl-importazzjoni tal-materjal kollu tal-bini.**

## JOHN ABELA (1883) & SON LTD.

**ABELA'S BUILDINGS,
MARSA**

---

Uffiċċju l-Belt:

**KINGSWAY PALACE
TRIQ IR-REPUBBLIKA**

Telegraphic Address: 'IRONSTEEL' MALTA

**Telephone: DIAL 24575**



REMY MARTIN FINE CHAMPAGNE COGNAC

tlaqna ghal-Ghadira ghall-ewwel ghawma. Gewwa l-Ghadira, barra minerali, li dejjem kien ikollna maghna, it-tfal inghataw gelat. Irritornajna M'Scala ghal habta tas-1 p.m. ghall-ikel.

Wara l-ikel, it-tfal hadu sehem f'diversi indoor games u fl-4 p.m. hadu t-te u sandwiches. Wara komplew bil-loghob u saru l-ahhar arrangamenti ghaz-zjara tal-President u l-Ministru tal-Edukazzjoni. Mal-Wasla tal-President, il-Ministru Muscat, il-Kummissarju u l-Assistent Kumm. is-Sur Tommasi u s-Sur Mamo, dawn gie spjegat lilhom it-tqassim tat-tfal u l-programm preparat u wara gew imwassla fis-Sala fejn kien hemm it-tfal lesti jistennewhom.

Il-President, Ministru u Kummissarju qaghdu fuq tapit ahmar (flok dias) fejn kien hemm ukoll il-Bandiera Maltija u t-tfal kantaw l-INNU MALTI. Wara, Charmaine Micallef, qrat indirizz ta' merhba, indirizzat lejn il-President, l-Ministru, u l-Kummissarju, li wara dawn is-Sinjuri irrispondew ghalih. Wara d-diskorsi, il-Kummissarju, f'isem l-Assocjazzjoni tal-Pulizija, ipprezenta lill-President, u lill-Ministru, b'arma tal-Korp fuq irham ta' Malta. Wara dan, sar riceviment ghal-dawn is-Sinjuri distinti, fejn attendew ukoll xi ġenituri li dak il-hin inzertaw fl-iskola, kif ukoll id-dirigenti, 'helpers', u sintendi, it-tfal. Prezenti wkoll kien hemm membri tal-Istampa lokali u fotografi, kif ukoll rapprezentanti tat-T.V.M.

Waqt dan ir-riceviment, il-Ministru Muscat semma l-possibilita li is-sena d-diehla, it-tfal taghna jkollhom cans li jmorru gimgha TUNES. Din l-attivita halliet



**Il-President tar-Repubblika Il-Ministru tal-Edukazzjoni u il-Kummissarju tal-Pulizija.**

sodisfazzjon ghax irnexxiet hafna u deher li s-Sinjuri mistiedna apprezzaw dak li kien qed isir ghat tfal taghna u l-livell li kien qed jinzamm.

Fid-9 p.m. it-tfal kielu u wara gew mehuda dawra f'Wied il-Ghajn, sakemm sar hin l-irqad.

Hekk intemm it-tieni Jum tal-Kamp.

*It-Tielet Jum . . . l-Erbgha. 15 ta' Awissu, 1979*

Jum il-festa ta' Santa Marija ma setghax jonqos li jibda b'quddiesa li kienet tas-7.30 a.m. fil-knisja ta' Sant' Anna li tinsab vicin l-iskola li konna fiha.

Wara l-quddiesa, fit-8.30 a.m. it-tfal hadu l-breakfast u wara ftit hin liberu, it-tfal gew mehuda izuru xi knejjes fejn issir il-festa ta' Santa Marija. Kellna hsieb induru izjed, izda fil-hin li kellna ilhaqna zorna dik ta' Hal Ghaxaq u tal-Mosta, fejn it-tfal daru l-knisja u raw il-vara tal-Madonna tal-lokal. Ittiehdu ritratti tal-okkazzjoni bhala tifkira.

Fis-1 p.m. irritornajna ghall-ikel u wara ftit hin ta mistrieh, it-tfal ittiehdu San Giljan ghall-ghawm fejn domna sas-6 p.m. Irritornajna M'Scala u wara li nhaslu, it-tfal kellhom ftit hin liberu u fit-8 p.m. raw l-ahbarijiet fuq it-T.V.M. li fosthom kien hemm dik taz-Zjara tal-President lill-Kamp taghna fil-jum ta' qabel.

Fid-p p.m., it-tfal kielu u wara thallew jilghabu fil-Hall sakemm sarilhom il-hin ghall-irqad.

L-ahhar item tal-gurnata kienet laqgha li saret bejn id-dirigenti u l-House Leaders fejn gie diskuss il-progress tal-Kamp u x'kien hemm bzonn isir biex dan ikompli jkun success.



It-tfal waqt il-kant ta' l-Innu Malti.


AGFA-GEVAERT
CT 18
Agfacolor
the film with the
natural colours.


We always have space for you
no matter what size...
...through our groupage system.
We accept any proportion of containerised space grouped in our containers from the U.K. and Italy to Malta and vice-versa.
CONCORDE SHIPPING LTD
'Contir House', Ninu Cremona Street, Paola.
Tel. 23848, 22594.
GLASSWARE
SHOES

Dan sar biex lill dawn il-leaders, minbarra responsabilita, nghatuhom ukoll gharfien tax-xoghol mitlub minnhom.

*Ir-Raba' Jum . . . Il-Hamis, 16 ta' Awissu, 1979.*

Peress li f'dan il-jum kellna attrazzjoni mportanti, jigifieri, il-Barbecue f'Bahar ic-Caghaq, u Mike Marshall u Eddie Attard kellhom imorru jaghmlu l-preparamenti mehtiega, it-tfal inzammu gewwa liberi u wara li hadu l-breakfast fit-8 a.m. organizzaw loghob ta' gewwa u tkomplew il-kompetizzjonijiet.

It-tfal iz-zghar gew mehuda mil-Lady Helpers biex jilghabu fil-Play Ground li jinsab vicin l-iskola.

Fin-12.30 p.m. kellna l-ikel u wara t-tfal kellhom ftit hin liberu. Fl-4 p.m. tlaqna ghal Maghtab, Bahar ic-Caghaq ghal-ghawm fejn domna sas-7 p.m. meta sar il-hin biex immorru ghal-barbecue li gie organizzat hdejn l-Ghassa tal-Pulizija.

Il-post gie mzejjen ghall-okkazzjoni bil-fustuni tad-dawl u attendiet ukoll il-Jazz Group tal-Pulizija li kompliet tferrah it-tfal. L-ikel kien jikkonsisti fi platt specjali ta' tigieg, Chips u Salads u wara bettieh, minbarra soft drinks.

Wara l-ikel, ittfal zifnu ghad-daqq tal-Jazz Band u l-atmosfera giet mibdula f'Dosisco. Kien prezenti wkoll xi genituri li hadu parti fil-briju li nholoq.

Il-ferh tat-tfal kien jixhdu il-kant u l-ghajjat taghhom u hawn ta' min isemmi l-isforzi ta' Alex Barberi li minkejja ahbar hazina li kellu, xorta baqa' jdur mat-tfal u jorganizza l-kant.

L-iskola ta' M'Scala rritornajna ghal habta tal-11 p.m. u wara li nhaslu, it-tfal marru fil-kmamar taghhom ghal-irqad.

*Il-Hames Jum . . . Il-Gimgha, 17 ta' Awissu, 1979*

Dan l-ahhar jum tal-Kamp beda bil-breakfast fit 8.30 a.m. Fl-10 a.m. tlaqna ghal Bell View Bar tal-Mellieha fejn it-tfal kienu il-mistiedna tal-propjetarji, is-Sinjuri Vella, wara inizjattiva tal-Kummissarju tal-Pulizija, s-Sur J. N. Cachia. Hemmhekk sibna lill Mrs. Cachia tistenna lit-tfal u baqghet maghna sakemm tlaqna mil-post.

It-tfal gew moghtija platt li kien fih sandwiches, sausage roll u pastizzi, kif ukoll soft drinks.

Fil-post kien hemm ukoll Jazz Group kompost minn tfal Maltin-Kanadizi, 'The Family' li jjinsab Malta ghal btala u li daqq muzika lit-tfal taghna biex komplew ziedu l-allegrija.

Difatti, wara li kielu, t-tfal qamu jizfnu ghad-daqq tal-Jazz Group u wahda mit-tfal, Ethel Marshall, telghet tkanta is-song *It-Tieg tan-Neputija*, u maghha inghaqdu t-tfal kollha. Hawnhekk kien hawn prezenti wkoll xi membri tal-istampa li hadu xi ritratti tal-okkazzjoni.

Fis-1 p.m. tlaqna ghal Wied il-Ghajn fejn mal-wasla, it-tfal kielu. Wara l-ikel, it-tfal gew ordnati jippakkjaw u wara li sar dan, tnaddfu l-kmamar u kulhadd nizel fil-hall.

Hawnhekk inghata ktieb lill kull tifel u tifla u t-tellghu rigali ohra bix-xorti. Gew ukoll ipprem-jati ir-rebbieha tal-kompetizzjonijiet u inghata rigal ukoll lill House Leaders.

Il-premjijiet kienu zewg kotba verament sbieh moghtija mill-Ispettur Debattista. Dawn intrebhu minn Joanna Tanti u minn George Mangion. Wara dan, ittiehdu ritratti lill kull grupp ta tfal skond il-Houses. Fl-4 p.m. tlaqna ghad-Depot fejn wasalna ghal habta tal 5 p.m. Mal-wasla taghna, it-tfal gew mghoddija lura lil-genituri taghhom. B'hekk gie fit-tmiem dan l-ewwel Kamp tas-Sajf organizzat ghat tfal tal-Korp mill-Assocjazzjoni tal-Pulizija, li bla tlaqliq nghidu li kien success kbir.





It-tfal waqt il-Barbecue.




Sole distributors: TESSONS LIMITED
75 Liesse Hill, Valletta. Telephone: 624672 21996


---


# PROTECT AGAINST FIRE AND BURGLARY WITH A CHUBB SAFE

**The famous firm of Chubb have manufactured this safe especially for the smaller office or business. The Chubb Commerce Quality Safe resists burglars and fire too. It offers strong protection against attack by explosives and drill, and is competely surrounded by Chubb fire-resisting material, tested and approved by independent authorities. For a reasonable price the security of a Chubb Safe can be yours. Come and see the Chubb Commerce Quality Safe.**

**(Possibly a Chubb Wall Safe will serve your needs. Why not come and see that too?)**




## PHILIP TOLEDO LTD

NOTABILE ROAD
MRIEHEL – MALTA
TELEPHONE: 44747–45566
CABLES: MEDIA–MALTA

Please send me your Free details about Chubb Safes

Name ____________________

Address ____________________

____________________




L-ATTIVITA sportiva principali matul ix-xahar ta' Awissu, 1979, kienet il-prattika tal-Karate fuq l-istil Korean, maghruf bhala KYOK SOOL minn diversi membri tal-Korp, taht il-harsien tal-espert Korean *Mr. Kang* li matul dawn l-ahhar xhur, ta' tahrig professjonali fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

Dan it-tahrig, barra li fih innifsu huwa sport ferm addattat ghal membri taghna huwa wkoll ferm utili fix-xoghol tal-Pulizija. Dan qed isir permezz tar-relazzjonijiet tajba li jezistu bejn il-Gvern Malti u dak Korean, fuq l-inizjattiva tal-Kummissarju.

Il-progress tal-membri taghna huwa tant sodisfacenti, illi nhar is-Sibt, 18 ta' Awissu 1979, dawn il-membri taw wirja f'din l-arti, fil-Paviljun ta' l-Isports, gewwa Ta' Qali, li ghaliha, minbarra l-Kummissarju u Ufficjali ohra tal-Korp, attendew diversi persuni distinti kif ukoll ghadd gmielu ta' membri tal-Korp.

F'din il-pagna qed nippublikaw ritratt li ttiehed waqt din il-wirja li taw il-membri taghna.

Il-frott ta' dan it-tahrig juri il-livell li jistgha jintlahaq mill membri taghna meta jkollhom tahrig professjonali, bhal ma kien il-kaz f'dan il-qasam.

*Post ta' tahrig ghal Basketball*

IL-PLAYERS tal-Basketball taghna issa ghandhom post fejn jistghu jitharrgu fil-loghba. Bl-inizjattiva tal-Kumitat ta' l-Isports, instghab Court addattat hdejn l-Ospizio, il-Furjana li fil-passat kien iservi bhala "Squash Court" mis-Servizzi u li ghal hafna zmien kien abbandunat. Dan il-post issa gie mnaddaf mill membri taghna u gie provdul bil-Boards u Rings ghal-loghob tal-Basketbal.

B'hekk, ma jkollniex aktar ghalfejn nitolbu ghal post fejn il-players taghna jkollhom fejn jitharrgu. Dan il-post ser ikun ta' ghajnuna kbira ghal players taghna meta jibdew jippreparaw ghall-impenji li ser ikollhom meta fl-istagun li gej jikkompetu fit-Tielet Divizjoni tal-Kampjonat Nazzjonali, wara li s-sena l-ohra irbahna l-Promotion.

*Participazzjoni fil-Kompetizzjoni "Draughts ghal Kulhadd"*

META tibda l-kompetizzjoni gdida tad-Draughts, organizzata mill-Ministeru ta' l-Isports, ser ikun hemm participazzjoni minn team iffurmat minn membri taghna. Nafu li fil-Korp hemm numru sabih ta' membri li ghanhom livell tajjeb f'dan il-loghob.

Ghalkemm gie registrat team provizorju, qed isir arrangamenti biex sakemm tibda l-kompetizzjoni, jinstaghbu l-ahjar membri biex ikun jistgha jkollna rapprezentanza xieraq.

Dan l-isport ma tantx jitlob xoghol, hlief ftit ta' sagrificcju mill membri maghzula li jaghtu ftit mill hin liberu taghhom biex jonoraw il-fixtures, f'din il-kompetizzjoni.

Huwa ttamat illi, bhal fil-kaz tac-CHESS, issir kompetizzjoni interna fost il-membri tal-Korp, biex dejjem ikollna l-ahjar nies jikkompetu. F'harga ohra nghatikhom aktar taghrif dwar it-team taghna u xi rizultati miksuba.

*Kumitat gdid ta' l-Isports*

META taslilkhom din il-harga ikun sar dak kollu mehtieg biex jigi mahtuk il-Kumitat ta' l-Isports ghas-sena 1979/80.

Bir-rizultati miksuba is-sena li

---

## "SPORTS FUND" Donation

ON THE initiative of the Police Commissioner and the Police Sports Committee, a "sports Fund" has been started.

The first and main contributors have been Mr. & Mrs. Paddy Stubbs, well known in local sports circles for their generous contributions for the further promotion of sport and philantropic activities.

The Stubbs are special friends to our sportsmen and "Paddy", as he is affectionately known amongst our members takes keen interest in our activities and has, during the past season, attended most of our Football and Basketball games. The Officers' Mess was recently the scene of a presentation of a handsome cheque of £M300 by Mr. & Mrs. Stubbs, to the Police Commissioner, Mr. John Cachia. Mr. Cachia thanked Mr. & Mrs. Stubbs for their kind jesture and presented Mrs. Stubbs with a Police Badge mounted on Malta stone and a Police Pennant to Mr. Stubbs. Sgt. M. Marshall of the M.P.A. also presented a bound copy of the Criminal Code to Mr. Stubbs.

Photo shows the Comm. of Police having just received the cheque for £M300 from Mr. & Mrs. Stubbs. Also seen are Supt. J. Borg, Insp. Debattista (Sports Officer) and members of the Sports Committee.



Tkompli P.20

# RINGRAZZJAMENTI

WARA li qrajtu l-introduzzjoni dwar is-Summer Camp, kif ukoll dak li sar matul il-gimgha tieghu, ma nistghux inhallu din l-okkazzjoni tghaddi minghajr ma nirringrazzjaw lill dawk kollha li minghajr l-ghajnuna taghhom, dan il-Kamp ma kienx jirnexxi.

L-ewwel ta' min isemmi lil-President tar-Repubblika, Dr. Anton Buttigieg li mhux biss accetta li jiltaqgha mat-tfal taghna, izda ried li jigi huwa stess izur il-Kamp. Dan kien gest ferm apprezzat mill-organizzaturi u mit-tfal.

Grazzi lill Onor. Ministru tal-Edukazzjoni ghal facilitajiet li ta lid-dirigenti taghna biex dan il-kamp jigi organizzat fl-iskola ferm sabieha ta' Wied il-Ghajn, u li anke accetta li jzur il-Kamp taghna. L-ufficjali tal-Education Dept. fosthom is-Sur Carm. Borg kienu ta' ghajnuna kbira lill-Kumitat li oganizza.

Grazzi lill Kummissarju taghna li tana kull ma tlabnih biex norganizzaw dan il-kamp, kien prezenti ghal hafna mill-attivitajiet li organizzajna u ghena biex hadna t-tfal f'postijiet ta' divertiment. Nafu kemm dawn l-attivitajiet huma ghal qalbu.

Grazzi, naturalment ghal ghajnuna li tatna Mrs. CACHIA li barra li kienet prezenti meta l-Kummissarju ma setghax jattendi, ghenet hafna lill kumitat f'kull ma setghet.

Grazzi lid-Ditta 'Elite' ta' South Street, il-Belt ghal prezzijiet specjali tat-Tee Shirts u printing fuqhom.

Grazzi lid-Ditta Alf. Mizzi & Sons, agenti ta' l-*Ovaltine*, li tawna l-brieret ghat-tfal, kif ukoll xi Ovaltine.

Grazzi lis-Sur Joe Gatt tal-Buskett Roadhouse li mhux biss tana B'XEJN show lit-tfal, izda wkoll ipprovda ikel u refreshments.

Grazzi lis-Sinjuri Vella tal-Belle View Restaurant tal-Mellieha ghal divertiment li ipprovdew littfal taghna u ikel u refreshments.

Grazzi lill membri li jiffurmaw il-Jazz Band taghna u lill Bandmaster talli ipprovdew divertiment lit-tfal taghna waqt il-Barbecque.

Grazzi lid-Ditta S.F.C. ghall-ghotja ta' minerali u lid-ditta Coleiro Bros. ghall-ghotja ta' fruit squashes.

Grazzi lil Charles Saliba

Grazzi lill kull min, b'xi mod jew iehor, anke jekk ma semmejniehx, ghen biex dan il-Kamp ikun is-success li kien.

Mil-gdid GRAZZI LILL KULLHADD.

TKOMPLI MINN P. 19

ghaddiet, ghandi nifhem li aktar membri jithajjru jersqu biex jaghtu ftit mil-hin liberu taghhom ghax-xoghol f'dan il-Kumitat.

Bhalissa, aktar minn qabel, qed jidher il-frott tal-participazzjoni taghna f'diversi sport, haga li dejjem aktar tghin biex jinholoq aktar djalogu bejn il-Korp u l-Publiku.

Naf li talent ghandna bizzejjed biex nikkompetu f'kull sport li jsir f'Malta. Barra li jservi ta' zvog ghal membri taghna, dan huwa mezz iehor biex dejjem nghollu l-isem tal-Korp.

Meta, jekk Alla jrid, l-Assocjazzjoni taghna jirnexxilha takkwista post li jservi bhala Club tal-Pulizija, dawn l-attivitajiet sportivi jkunu jistghu jigu aktar ikkoltivati u hafna sport ta' taht is-saqaf ikun jistgha jigi organizzat ahjar.






Cars for all occasions
EXCURSIONS
CHAUFFEUR DRIVEN SERVICE
SELF-DRIVE CARS
merlin
CAR HIRE
Mountbatten Str.,
Blata l-Bajda.
Tel: 23131



# Kull meta tmur il-bank?

Il-Bank għandu parti importanti ħafna fil-ħajja ta' kull familja.

Għaliex huwa iżjed minn post fejn sempliċiment tpoġġi l-flus ħalli jkollok moħħok mistrieħ.

Il-Mid Med Bank għandu uffiċċjali mħarrġin biex jgħinuk f'kull xorta ta' parir fejn jidħlu l-flus. L-ebda problema m'hi kbira wisq għalihom.

Huwa fl-interess tiegħek li tagħraf tuża s-servizzi li joffrilek il-Mid-Med Bank. Kull meta jkollok bżonn parir dwar flus u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-flus kellem lill-Manager fl-eqreb fergħa tal-Mid-Med Bank.

**Mid-Med Bank**

**Uffiċċju Prinċipali: 233 Triq ir- Repubblika, Valletta. Tel: 625281**
**38 Fergħa f'Malta u Għawdex**

Mid-Med Bank
*il-bank tiegħek*